*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 52

It-Tlieta 10 ta' Jannar 2023

Il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fil- 5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Joseph Abela Galea – Sindku
Thomas Debattista – Kunsillier
Neil Portelli – Kunsillier
Christian Pace – Kunsillier
Ismael Dalli – Kunsillier
Anabelle Marmara' – Kunsillier

SKUZATA:
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **52.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 52.1.1 | Il-Laqgha tal-Kunsill Lokali bdiet fis-18.05pm għax ma kienx hemm *quorum*. |
| 52.1.2 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li l-Viċi Sindku Sa Darlene Vella Żammit ma setgħetx tattendi għall-laqgħa minħabba sitwazzjoni li ma kelliex kontroll fuqha. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera preżenti ma nstabet l-ebda oġġezzjoni f`dan ir-rigward. |
| **52.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 52.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 51 flimkien mal-minuti tal-laqgħa annwali kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 52.2.2 | Is-Sur Thomas Debattista ppropona u s- Sur Neil Portelli ssekonda l-minuti tas-Seduta numru 51 flimkiem mal-minuti tal-laqgħa annwali u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **52.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 52.3.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-ġbir tal-iskart sejjer tajjeb bil-kollettur il-ġdid imqabbad mir-reġjun. |
| 52.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li s-siġra tal-Milied ġiet żarmata. |
| 52.3.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-ispejjeż għar-risposta mill-avukat għat-taħrika tal-Qorti li rċieva l-Kunsill Lokali sabiex jidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrat fil-kawża *Citadel Insurance plc* vs. Kunsill Lokali Tarxien nhar l-20 ta` Frar 2023 se jammontaw 772Eur. |
| 52.3.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li hu wassal ir-rigali għat-tfal fil-bżonn li ngħataw mingħand ir-residenti u tpoġġew taħt is-siġra tal-Milied li kien hemm il-Belt Valletta hekk kif intalbet l-għajnuna mingħand is-Sa Lydia Abela permezz ta` ittra li ntbgħatet il-Kunsilli Lokali bit-titlu rigal b` imhabba. |
| 52.3.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-vann tal-anzjani qed jindara u jintuża. |
| 52.3.6 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-festin tal-Milied li sar għall-anzjani kien suċċess u anke l-festin tat-tfal. |
| 52.3.7 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li fuq is-serqa tal-*laptops* għad ma` għandux informazzjoni pero` l-*insurance* kienet se tkopri l-ammont kollu minbarra Eur150 li huma *insurance claim.* |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| **52.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 52.4.1 | Ma kienx hemm. |
| **52.5** | **Rapporti** |
| 52.5.1 | Il-Kunsilliera s-Sa Anabelle Marmara` staqsiet lis-Segretarju Eżekuttiv għala l-vot tal-laqgħa preċedenti ma tniżżilx bħala *agenda item*.<br><br>Is-Sindku qal lis-Sa Anabelle Marmara` sabiex tindirizza lilu u mhux lis-Segretarju Eżekuttiv.<br><br>Is-Sa Anabelle Marmara' qalet lis-Sindku li l-każ tal-ħaddiema mhux imniżżel bħala *agenda item.*<br><br>Is-Sindku wieġeb li se jkun qed jieħu parir mingħand l-avukat.<br><br>Is-Sur Ismael Dalli staqsa jekk id-Dipartiment tal-Gvern Lokali tgħax il-parir tiegħu.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li d- Dipartiment tal-Gvern Lokali l-ewwel ta' parir sabiex l-vot jerġa' jittellgħa *agenda item* mal-laqgħa tal-Kunsill u qal li bgħat email lill-Kunsilliera imma tidher li ma waslitx u wera l-korrispondenza lis-Sindku qabel il-laqgħa.<br><br>Is-Sindku wieġeb li jrid jieħu parir mingħand l-avukat tal-Kunsill għaldaqstant ma setgħax iniżżel il-każ *agenda item* u spjega li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali bgħat emejl lilu u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex qabel jiġi diskuss il-kaz nieħdu parir mingħand l-avukat tal-Kunsill.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-ewwel parir kien li l-każ jitniżżel *agenda item* imma wara s-Sindku kien kellem lid- Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn intbgħatet emejl lilu u lis-Segretarju Eżekuttiv.<br><br>Is-Sur Ismael Dalli staqsa 'iġiefieri l-avukat tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien ta' parir li l-każ jitressaq agenda item mal-laqgħa u ta' parir ieħor li l-Kunsill ikellem l-avukat tiegħu'?<br><br>Is-Sindku wiegeb li se jkun qed jieħu parir mingħand l-avukat tal-Kunsill għax hemm kaz il-Qorti.<br><br>Is-Sur Ismael Dalli staqsa 'mela mhux id-Dipartiment tal-Gvern Lokali jiggwidana kif għandna nagħmlu'?<br><br>Is-Sindku wieġeb li peress li hemm konnesjoni mal-Qorti d- Dipartiment tal-Gvern Lokali ta' parir li nkellmu l-avukat tal-Kunsill. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| | Is-Sur Ismael Dalli staqsa 'l-avukat tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali ta' parir li nkellmu l-avukat tal-Kunsill'?<br><br>Is-Sur Thomas Debattista staqsa ' id-Dipartiment tal-Gvern Lokali jrid ikellem lill-Kunsill'?<br><br>Is-Sindku wieġeb li l-avukat tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali ta' parir li l-Kunsill ikellem l-avukat tiegħu qabel l-każ jitpoġġa *agenda item.*<br><br>Is-Sur Christian Pace staqsa 'intbgħatet emejl'?<br><br>Is-Sindku wieġeb li ntbgħatet emejl lilu u lis-Segretarju Eżekuttiv u qal li l-vot li ttieħed ma jgħodx għax ma kellux jiġi diskuss waqt ir-rapporti u ma kienx parti mill-*agenda*.<br><br>Is-Sa Anabelle Marmara' qalet li fil-verita il-kariga tal-ħaddiema ta' barra qatt ma kienet *agenda item* għadaqstant xejn ma jgħodd.<br><br>Is-Sindku wieġeb li meta jittieħed vot u ma jkunx *agenda item* ma jgħodx.<br><br>Is-Sur Thomas Debattista wieġeb li la tkun saret diskussjoni ma hemmx għalfejn jittieħed vot.<br><br>Is-Sindku qal li jixtieq jagħmila ċara li meta ttieħed il-vot waqt il-laqgħa preċedenti hu kellu d-dritt li jwaqqaf milli jittieħed il-vot u hekk suppost għamel għax ma kienx fuq l-*agenda* u ma jgħodx u spjega li kieku għamel hekk kien se jidher ikrah mal-Viċi Sindku u astjena għax il-kaz beda' fuqha.<br><br>Is-Sur Thomas Debattista qal li ma jmissux issemma l-Qorti.<br><br>Is-Sindku qal li mhux suppost issemma l-Qorti.<br><br>Is-Sur Ismael Dalli qal li ma jaqbilx għax proċess tal-Qorti mod u offiża lil xi hadd hija ħaga oħra.<br><br>Is-Sur Thomas Debattista staqsa 'kif offiża jekk għadu ma nqgħatax il-każ'?<br><br>Is-Sur Ismael Dalli staqsa 'telefonata anonima mhux offiża'?<br><br>Is-Sur Thomas Debattista wieġeb li t-telefonata anonima mhux l-impjegata għamlitu.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fid-19 ta' Diċembru 2022 id-Dipartiment tal-Gvern Lokali nforma lill-Kunsill Lokali sabiex il-vot jerġa' jittellgħa laqgħa bħala *agenda item* pero' fil-5 ta' Jannar 2023 intbgħat komunikat ieħor mill-avukat tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill ikellem l-avukat tiegħu. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| | Is-Sur Ismael Dalli qal li l-ewwel id-Dipartiment tal-Gvern Lokali qal li l-każ irid jiġi diskuss waqt il-laqgħa imbgħat permezz tal-emejl li ntbgħtet ħafna wara ġejna nfurmati li rridu nkellmu l-avukat tal-Kunsill.<br><br>Is-Sindku wieġeb li hu kien kellem l-avukat tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jispjega l-każ tal-Qorti fuq il-partner tal-ħaddiema u l-avukat ħadet deċiżżjoni mad-Direttur General tad-Dipartiment u nagħata parir sabiex il-każ jiġi diskuss mal-avukat tal-Kunsill.<br><br>Is-Sa Anabelle Marmara` staqsiet jekk l-avukat tal-Kunsill tgħax xi nformazzjoni.<br><br>Is-Sindku wieġeb li għadu ma kellmux u żied jgħid li l-emejl li ntbgħatet fid-19 ta' Diċembru 2022 ma kienitx waslitlu.<br><br>Is-Sur Thomas Debattista staqsa `min hu l-avukat tal-Kunsill`?.<br><br>Is-Sindku wieġeb li l-kunsill jinqeda b'avukat imma ma huwiex l-avukat tal-Kunsill u spjega li fuq dan il-każ il-Kunsill jistgħa wkoll jieħu parir mingħand avukat ieħor sabiex ikun hemm pariri mingħand żewġ avukati.<br><br>Is-Sur Christian Pace issuġerixxa li forsi jistgħa jiġi maħtur avukat li jifhem aktar fil-liġi tax-xogħol.<br><br>Is-Sindku wieġeb li l-aħjar il-Kunsill Lokali jieħu parir mingħand żewġ avukati u staqsa lill-Kunsilliera preżenti jaqblux.<br><br>Is-Sur Thomas Debattista staqsa jekk il-president tal-assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali bgħatx emejl lill-kulħadd fuq din il-kwistjoni.<br><br>Is-Sur Ismael Dalli wiegeb li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali hija l-*forum* li tirrapreżenta l-Kunsilli mal-awtoritajiet u mal-Gvern u ma għandiex ir-rwol li tidħol fid-deċizzjonijiet li jittieħdu mill-Kunsill.<br><br>Is-Sindku wieġeb li meta l-Kunsill kellu xi diffikultajiet u ntalbet l-għajnuna tal- Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali dejjem għenet bħal meta l-Kunsill kellu problema mal-ERA u spjega li mhux issa biss talab il-parir tal-Assoċċjazzjoni. Is-Sindku żied jgħid li d-deċizzjoni kienet ħażina.<br><br>Is-Sur Ismael Dalli wieġeb li d-deċiżżjoni kienet ħażina fuq teknikalita u li ġiet favur u qal li deċiżżjoni tibqgħa deċiżżjoni u avolja teknikament ma tgħdox is-sentiment kien konumi.<br><br>Is-Sur Thomas Debattista wieġeb li ma kienitx xi ħaġa reali li s-sentiment kien komuni għax il-*microphones* ma jmisshomx intfew. |

| | |
|---|---|
| | Is-Sur Ismael Dalli wieġeb li min jaf kemm intqgħalu affarijiet u l- *microphones* kienu mitfijja.<br><br>Is-Sindku qal li fuq il-parir tal-avukat tad-Dipartiment tal-Gvern Loali l- *microphones* ma jistgħux jintfew.<br><br>Is-Sur Ismael Dalli qal li ovja li *microphones* ma jistgħux jintfew pero' min jaf kemm kienet qed issir din u kienet prassi.<br><br>Is-Sindku wieġeb li skond xi jsir għax qatt ma kien hemm vot involut.<br><br>Is-Sur Ismael Dalli qal dawn l-affarijiet kienu qed isiru u ttieħdu deċiżżjonijiet.<br><br>Is-Sindku wieġeb li ġieli ġew diskussa xi affarijiet qabel ma tibda' l-laqgħa tal-Kunsill.<br><br>Is-Sa Anabelle Marmara` qalet li fil-verita dan sabiex niddefendu kollega minn tagħna.<br><br>Is-Sindku wieġeb li hu mhux biex ma jiddefendiex kollega minn tiegħu u għalhekk ma waqqafx il-laqgħa.<br><br>Is-Sa Anabelle Marmara` wieġbet li mhux sew u li kull abbuż iddejjaqa ikun min ikun.<br><br>Is-Sindku wieġeb li għalhekk ma waqqafx il-laqgħa sabiex ma jidhirx li hu kontra l-kollega.<br><br>Is-Sur Thomas Debattista qal aħna min aħna sabiex nippuntaw subajna min għamel l-akkuża la l-każ għadu ma nqgħatax mill-Qorti.<br><br>Is-Sur Ismael Dalli wieġeb li xorta qed tiġi *bullied* persuna.<br><br>Is-Sur Thomas Debattista staqsa 'minn min qed tiġi *bullied* din il-persuna'?<br><br>Is-Sur Ismael Dalli wieġeb mela fejn tridu femministi.<br><br>Is-Sur Thomas Debattista qal mhux min ċempilla.<br><br>Is-Sindku wieġeb li dawn l-affarijiet ġraw fuq l-irġiel ukoll.<br><br>Is-Sur Ismael Dalli qal fejn irridu femministi.<br><br>Is-Sa Anabelle Marmara` qalet li kull abbuż huwa hazin.<br><br>Is-Sindku staqsa faldalx xi affarijiet oħra x'jiġi duskussi fuq il-każ u qal li se jkellem l-avukat tal-Kunsill u jieħu parir ghall-laqgħa oħra. |



*MAYOR - JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR - DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS - NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY - EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 52.5.2 | Is-Sur Christian Pace informa lill-Kunsilliera li se jkun qed jagħmel fuljett sabiex l-għaqdiet ikunu jistgħu jirreklamaw l-attivitajiet tal-Ġimgħa l-Kbira u spjega li se jkun qed ikellem l-għaqdiet fuq din il-materja. Is-Sur Christian Pace żied jgħid li se jkun qed joħrog avviż fuq il-*facebook page* tal-Kunsill. |
| 52.5.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li fil-Ħamis ix-Xirka se jkun qed jorganizza attivita` billi jagħmel mixgħela minn Triq Paola, Triq l-Annunzjata u Triq Anetto Caruana sabiex jintlaħqu tliet knejjes. Is-Sindku qal li se jkun qed ikellem lill-Arċipriet dwar dan. |
| 52.5.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-Viċi Sindku s-Sa Darlene Vella Żammit se tkun qed torganizza ħarga l-Esplora. |
| 52.5.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-Viċi Sindku s-Sa Darlene Vella Żammit infurmatu li Transport Malta aċċettat il-proposat li Triq Napuljun Caruana Dingli tiġi *one way.* |
| **52.6** | **Mozzjonijiet** |
| 52.6.1 | Ma kienx hemm. |
| **52.7** | **Sejħiet għall-offerti** |
| 52.7.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li t-*Tenders* tal-5 aside grawnd, tal-*Bulky refuse* u tal-*istage* ta` ġnien Joanne waslu sabiex jiġu ppublikati. |
| **52.8** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 52.8.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali s-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 43/08) flimkien mal-lista tal- *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Diċembru 2022/Jannar 2023, għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 52.8.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Christian Pace ssekondatata mis-Sa Anabelle Marmara` l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |
| **52.9** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 52.9.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-18.45p.m. wara li ġiet eżawrita l-Aġenda u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 8 ta' Frar 2023 fis-6:00p.m. |

Konfermati, illum 10 ta' Jannar 2023.

**Joseph Abela Galea**
Sindku

**Emma Vella**
Segretarju Eżekuttiv